Naghti l-kunsens tieghi.

(L.S.)

GUIDO DE MARCO
President

15 ta' Marzu, 2002

## ATT Nru. I ta' l-2002

*ATT li jemenda l-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa, Kap. 226*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, hareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu Att ta' l-2002 li jemenda l-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Kap.226.

**2.** Artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

(a) minnufih qabel it-tifsira ta' "liġi" għandhom jidħlu dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "azzjoni kif imiss" tfisser kull azzjoni jew xi azzjoni minn dawn li ġejjin:

(a) tissenjala bastiment,

(b) twaqqaf bastiment,

(ċ) titla' abbord bastiment,

(d) tfittex fuq bastiment,

(e) tarresta u żżomm lil xi persuna suspettata li tkun se tikkommetti xi reat kriminali jew li tkun ikkommettiet xi reat bħal dak,

(f) televa xi oġġett minn abbord bastiment suspettat li jkollu x'jaqsam ma' reat kriminali,

(ġ) teħtieġ lill-kaptan ta' bastiment li jbaħħar lill-bastiment u l-ekwipaġġ 'il barra mill-ibħra ta' Malta jew lejn xi port jew bajja f'Malta;

"bastiment jew inġenju relevanti" tfisser kull bastiment militari jew ajruplan militari Malti jew kull bastiment jew inġenju, inkluż ajruplan, li jkun jappartjeni lill-forzi armati jew lil xi waħda mill-awtoritajiet għall-infurzar tal-liġi f'Malta, inklużi l-awtoritajiet tad-dwana, li jkollhom sinjali esterni li jkunu jiddistingwu lil dak il-bastiment jew ajruplan bħala li jappartjeni lil Malta u li jkunu jidentifikawh bħala li jkun qiegħed iwettaq servizz tal-gvern;

"bastiment militari barrani" tfisser bastiment li jappartjeni lill-forzi armati ta' xi Stat barrani u li jkollu dawk il-karatteristiċi *mutatis mutandis* bħalma jikkorrispondu għal dawk ta' bastiment militari Malti;

"bastiment militari Malti" tfisser bastiment li jappartjeni lill-forzi armati ta' Malta li jkollu sinjali esterni li jkunu jiddistingwu lil tali bastiment bħala li jappartjeni lil Malta taħt il-kmand ta' uffiċjal kummissjonat kif imiss mill-gvern ta' Malta u li ismu jkun jidher fil-lista ta' servizz adatta jew fl-ekwivalenti tagħha, u li jkollu abbord ekwipaġġ li jkun jaqa' taħt id-dixxiplina regolari tal-forzi armati;

"bastiment suspettat" tfisser kull bastiment li dwaru għandha tittieħed azzjoni kif imiss;"; u

(b) minnufih wara t-tifsira ta' "Malta" għandhom jidħlu dawn it-tifsiriet li ġejjin:

" "reat relevanti" tfisser kull reat li jsir kontra xi liġi li tirrigwarda d-dwana, affarijiet fiskali, l-immigrazzjoni u s-sanità, inkluż it-tniġġis;

"uffiċjal marittimu għall-infurzar" tfisser kull membru tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta, tal-Forzi Armati ta' Malta, kull Uffiċjal tad-Dwana u kull uffiċjal ieħor vestit b'awtorità ġenerali ta' infurzar tal-liġi.".

Enumerazzjoni mill-ġdid ta' l-artikoli 5 u 6 ta' l-Att prinċipali.

**3.** L-artikoli 5 u 6 ta' l-Att prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 7 and 8 ta' l-Att rispettivament.

Żieda ta' l-artikoli 5 u 6 ġodda ma' l-Att prinċipali.

**4.** Minnufih wara l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandhom jidħlu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Azzjoni dwar bastiment li jkun jinsab fl-ibħra ta' Malta.

5. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, kull uffiċjal marittimu għall-infurzar li jkun abbord bastiment jew inġenju relevanti jista', ġewwa l-ibħra interni jew territorjali ta' Malta, jieħu azzjoni kif imiss fir-rigward ta' kull bastiment, li ma jkunx bastiment militari barrani jew bastiment proprjetà ta' xi stat barrani li jintuża biss għal servizz mhux kummerċjali, kemm jekk dan ikun qed itajjar il-bandiera Maltija jew xi bandiera oħra kemm jekk ma jkun qed itajjar ebda bandiera, li jkun raġonevolment suspettat li jkollu abbord lil xi persuna raġonevolment suspettata li tkun se tikkommetti xi reat jew li tkun ikkommettiet xi reat kontra xi liġi ta' Malta.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, fejn ir-reat suspettat ikun sar abbord il-bastiment barrani filwaqt li jkun għaddej mill-ibħra territorjali ta' Malta, is-setgħa msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu m'għandhiex tiġi eżerċitata kemm-il darba:

(a) il-konsegwenzi tar-reat ma jkunux jestendu għal Malta; jew

(b) ir-reat ma jkunx wieħed tali li jiddisturba l-paċi ta' Malta jew il-bonordni fl-ibħra territorjali; jew

(ċ) ma tkunx intalbet l-għajnuna ta' l-awtoritajiet Maltin mill-kaptan tal-bastiment jew minn aġent diplomatiku jew minn uffiċjal konsulari ta' l-Istat li l-bastiment ikun itajjar il-bandiera tiegħu; jew

(d) ma tkunx meħtieġa azzjoni kif imiss bil-għan li jiġi soppress it-traffiku illegali ta' mediċinali narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi.

(3) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ma jaffettwawx id-dritt li uffiċjal marittimu għall-infurzar ikollu abbord bastiment jew inġenju relevanti li jieħu kull azzjoni awtorizzata mil-liġi ta' Malta bil-għan ta' arrest jew investigazzjoni abbord bastiment barrani li jkun ibaħħar fl-ibħra territorjali ta' Malta wara li jkun telaq mill-ibħra interni ta' Malta.

Azzjoni fir-rigward ta' bastiment fiż-żona kontigwa.

6. (1) Uffiċjal marittimu għall-infurzar abbord bastiment jew inġenju relevanti jista', fiż-żona kontigwa, jieħu azzjoni kif imiss fir-rigward ta' kull bastiment, li ma jkunx bastiment militari barrani jew bastiment proprjetà ta' stat barrani li jintuża biss għal servizz mhux kummerċjali, kemm jekk dan ikun qed itajjar il-bandiera Maltija jew xi bandiera oħra kemm jekk ma jkun qed itajjar ebda bandiera, li jkun raġonevolment suspettat li jkollu abbord lil xi persuna raġonevolment suspettata li tkun se tikkommetti jew tkun ikkommettiet reat relevanti fil-ġurisdizzjoni tal-qrati Maltin.

(2) Meta wara li tkun ittieħdet azzjoni kif imiss dwar bastiment suspettat li jkun qed itajjar bandiera barranija ma jibqa' ebda suspett li jkun sar xi reat kontra l-liġijiet ta' Malta minn xi membru ta' l-ekwipaġġ ta' dak il-bastiment, dak l-istess bastiment jista' jinżamm taħt sorveljanza sakemm dan jinħareġ 'il barra miż-żona kontigwa.

(3) Meta wara li tkun ittieħdet azzjoni kif imiss dwar bastiment suspettat, kemm jekk ikun jappartjeni lil Malta kemm jekk ikun qed itajjar bandiera barranija, jibqa' s-suspett li xi persuna abbord il-bastiment tkun ikkommettiet fil-ġurisdizzjoni tal-qrati Maltin xi reat kontra l-liġijiet ta' Malta, kull uffiċjal marittimu għall-infurzar jista' jieħu kull azzjoni ulterjuri kif imiss dwar dik il-persuna u l-bastiment u l-ekwipaġġ.

(4) Meta l-kaptan ta' bastiment suspettat jkun ġie mġiegħel jieħu l-bastiment ġo xi port jew bajja f'Malta, il-membri ta' l-ekwipaġġ tal-bastiment suspettat li jkunu se jikkommettu jew li jkunu kkommettew xi reat fil-ġurisdizzjoni tal-qrati Maltin għandhom jiġu mogħtija f'idejn il-Pulizija għal kull investigazzjoni ulterjuri.".

Emenda ta' l-artikolu 8 kif enumerat mill-ġdid ta' l-Att prinċipali.

**5.** L-artikolu 8 kif enumerat mill-ġdid ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) id-disposizzjoni preżenti għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu u minflok il-kliem "barra mill-

ibhra territorjali." ghandhom jidhlu l-kliem "barra mill-ibhra territorjali, u b'mod partikolari ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu.": u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 6 kif enumerat mill-ġdid, għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"Dritt ta' insegwiment attiv.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, meta bastiment jew inġenju relevanti jkun, fl-ibħra interni jew fl-ibħra territorjali Maltin, jew fiż-żona kontigwa ta' Malta, beda l-insegwiment ta' bastiment suspettat, il-bastiment relevanti jista' jkompli għaddej bl-insegwiment attiv tal-bastiment suspettat 'il barra bejn sema u ilma basta li dak l-insegwiment ma jkunx ġie interrott:

Iżda meta l-bastiment suspettat jkun fiż-żona kontigwa meta jingħata l-ordni biex jieqaf minn uffiċjal marittimu għall-infurzar abbord il-bastiment relevanti, l-insegwiment jista' biss isir jekk ikun hemm suspett li l-bastiment suspettat ikun ikkommetta reat relevanti.

(3) Meta l-bastiment suspettat ikun fiż-żona kontigwa, jista' biss isir insegwiment attiv jekk l-għemil ta' reat relevanti jkun raġonevolment suspettat.

(4) Id-dritt ta' insegwiment attiv imsemmi f'dan l-artikolu m'għandux jiġi eżerċitat kemm-il darba l-bastiment jew inġenju relevanti ma jkunx l-ewwel ta lill-bastiment suspettat sinjal li jidher jew li jinstema' biex jieqaf, u dak id-dritt ta' insegwiment attiv jieqaf meta l-bastiment suspettat jidħol fl-ibħra territorjali ta' l-Istat tiegħu nnifsu jew ta' Stat terz.

(5) Meta l-insegwiment attiv isir minn ajruplan id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (2) sa (4) ta' dan l-artikolu għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis*. Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw ukoll.

(6) Ajruplan m'għandux jarresta bastiment suspettat barra l-ibħra territorjali ta' Malta kemm-il darba l-ajruplan ma kienx hu nnifsu li ordna lill-bastiment suspettat jieqaf u kien għamel insegwiment tiegħu mingħajr waqfien, u meta l-insegwiment attiv kien sar minn ajruplan u mbagħad l-insegwiment kompla jsir minn xi ajruplan jew bastiment ieħor, dak l-ajruplan l-ieħor jew bastiment ikunu biss awtorizzati

jarrestaw il-bastiment suspettat barra l-ibħra territorjali ta' Malta jekk dak l-ajruplan jew bastiment l-ieħor ikunu komplew bl-insegwiment mingħajr interruzzjoni.

(7) Id-dritt ta' insegwiment attiv għandu japplika *mutatis mutandis* għal kull vjolazzjoni fil-parti stabbilita bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att jew ta' kull liġi li għall-finijiet tagħha tiġi stabbilita dik il-parti.

Azzjoni fir-rigward ta' bastiment bejn sema u ilma.

(8) Meta bastiment militari Malti jiltaqa' ma' bastiment barrani bejn sema u ilma, li ma jkunx bastiment militari barrani jew bastiment proprjetà ta' xi Stat barrani li jintuża biss għal servizz mhux kummerċjali, hawn iżjed 'il quddiem f'dan is-subartikolu msemmi bħala l-bastiment suspettat, u ma jkun hemm ebda kawża raġonevoli li jissusspetta li:

(a) l-bastiment suspettat jkun qed iwettaq xi piraterija;

(b) l-bastiment suspettat jkun qed jieħu sehem fil-kummerċ ta' l-ilsiera;

(ċ) il-bastiment suspettat jkun involut f'xandir mhux awtorizzat u l-qrati Maltin ikollhom ġurisdizzjoni fuqu;

(d) il-bastiment suspettat ma jkollux nazzjonalità; jew

(e) għalkemm ikun qed itajjar bandiera barranija jew jirrofta milli juri l-bandiera tiegħu, il-bastiment suspettat jkun bastiment reġistrat Malta,

uffiċjal marittimu għall-infurzar abbord ta' bastiment relevanti jista' jgħaddi biex jivverifika d-dritt li dak il-bastiment suspettat ikollu li jtajjar dik il-bandiera billi jitla' abbord il-bastiment suspettat u jivverifika d-dokumenti relattivi u jekk wara li jkun għamel dan jibqgħu is-suspetti dwar in-nazzjonalità tal-bastiment suspettat, il-bastiment relevanti jista' jgħaddi biex jagħmel eżami ulterjuri b'kull mod li jqis meħtieġ.

(9) Kull persuna jew bastiment suspettat li jinsabu jwettqu xi xandir mhux awtorizzat kif hemm provdut fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (7) jistgħu jiġu arrestati minn uffiċjal marittimu għall-infurzar abbord ta' bastiment relevanti

li jista' wkoll jeleva kull tagħmir li jintuża f'dak ix-xandir mhux awtorizzat.".

Emenda ta' l-Att dwar il-Blata Kontinentali, Kap. 194.

**6.** Minnufih wara l-artikolu 9 ta' l-Att dwar il-Blata Kontinentali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Dritt ta' insegwiment attiv.

10. Id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (2) sa (6), it-tnejn inklużi, ta' l-artikolu 8 ta' l-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa, għandhom japplikaw *mutatis mutandis* dwar kull suspett raġonevoli ta' xi reat taħt dan l-Att.".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 703 tas-26 ta' Frar, 2002

ANTON TABONE
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*